MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 6

7 ta' Lulju 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 6 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillieri J. Buttigieg u H. Fenech li kienu skużati minħabba raġunijiet ta' safar u xogħol rispettivament.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.4.3. **(Ref: A/6/3/2/Vol III)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

> *4.4.3. Il-Viċi-Sindku E. Bartolo kkummenta li l-Mellieħa tikkontribwixxi biżżejjed għal dan it-tip ta' sports, billi jittellgħu attivitajiet simili fit-triq tal-Bajja tal-Mistra, fit-triq tal-Miżieb u fi Triq Lewis Wettinger. Huwa qal li jixtieq jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu li jiġu organizzati avvenimenti sportivi fi Triq Lewis Wettinger minħabba l-inkonvenjent li jikkawżaw lill-bdiewa u lir-residenti li hemm fil-lukanda tal-qrib.".*

1.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 13.2. **(Ref: A/1/2/Vol IV)** u ppropona li din tinqara hekk:

> "13.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju 2008, il-ħaddiema tal-fergħa ta' HSBC Bank tal-Mellieħa għamlu nofs ta' nhar tindif fil-parti tad-dar imsemmija, fejn ftit taż-żmien ieħor ser jiftaħ iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Fl-istess okkażjoni l-membri mill-Leġjun ta' Marija rregalaw statwa tal-Madonna sabiex tinżamm fl-istess ċentru. Għal din l-attività attendew is-Sindku R. Cutajar, il-Viċi-Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri P. Cutajar u H. Fenech, kif ukoll xi membri ta' l-Art Club 2000.".

1.4. Il-minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati u ffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Livellar mill-ġdid ta' bankina fi Triq il-Kbira k/m Misraħ tal-Salib (T/4/10)

2.1.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-Perit Joseph Attard f'isem l-operaturi ta' Crosskeys Restaurant fejn għadda pjanta li tindika l-*layout* li talab il-Kunsill bl-imwejjed fuq in-naħa ta' barra tal-bankina.

2.1.3. Il-Kunsill approva l-*layout* kif indikat fil-pjanta mehmuża ma' l-ittra msemmija, sakemm il-qsari li jitpoġġew ikunu simili għal dawk li poġġa l-Kunsill fl-istess triq, kif ukoll li jissaqqew mill-applikant.

### 2.2.1. Attendenza għal appuntamenti tal-Kunsill (K/1)

2.2.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Ġunju 2008, mibgħuta mill-Kunsillier J. Buttigieg, fejn talab li jiġi skużat mis-seduti tal-Kunsill u appuntamenti oħra li jkun hemm, minħabba li ser ikun imsiefer bejn is-6 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru 2008.

2.2.3. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' l-ittra.

### 2.3.1. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Ġorġ Borġ Olivier (T/3/3/Vol IV)

2.3.2. Saret referenza għal talba minn Devlands Ltd sabiex jarmaw *tower krejn* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, faċċata ta' Triq il-Qalb Imqaddsa. Dan sabiex jinbena sit li jinsab fi Triq il-Qalb Imqaddsa, kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier.

2.3.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol ġiet mgħarrfa wkoll dwar din it-talba u minn naħa tagħhom talbu li jsir *risk assessment* dwar l-użu tal-krejn f'dak il-post partikulari, kif ukoll li jkun hemm rapport ieħor minn perit sabiex jiġi ċertifikat li art fejn ser jintrama l-krejn hija soda biżżejjed biex jieħu l-piżijiet li għalih huwa disinjat l-makkinarju.

2.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-krejn għandu jintrama fir-rampa ta' Triq il-Qalb Imqaddsa, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq Ġorġ Borg Olivier bil-għan li l-jib ma jaqsamx it-triq ewlenija, kif ukoll ma jgħaddix fuq il-bejt tal-lukanda li hemm fil-qrib.

2.3.5. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġet, is-Sindku rrefera għal diżgwid li nqala' dwar xogħol ta' kostruzzjoni tas-sit fejn qabel kien hemm il-Concorde Supermarket, fi Triq Ġorġ Borg Olivier bejn Triq Sant' Elena u Triq it-Tonn. Huwa qal li l-operturi tan-negożji tal-qrib ilmentaw mit-trab li qed jiġi ġġenerat u li għalhekk talbu li x-xogħol jieqaf totalment matul ix-xhur tas-sajf. Biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni nħasset il-ħtieġa li tissejjaħ laqgħa għas-sidien tal-ħwienet, fit-3 ta' Lulju 2008. Għaliha ġew mistiedna jattendu uffiċjali mit-taqsima ta' l-infurzar tal-MEPA. Attenda wkoll il-Kunsillier P. Cutajar u s-Segretarju C. Debono. Fil-laqgħa ġiet spjegata l-liġi u ntlaħaq qbil li t-tneħħija tat-terrapien li fadal fis-sit in kwistjoni jista' jsir fit-8 u 9 ta' Lulju, sakemm l-iżviluppatur jara li jnaqqas l-inkonvenjent tat-trab billi jxarrab il-materjal mill-ġurnata ta' qabel, qabel jitgħabba u jinġarr fit-trakkijiet.

2.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Kamp Sajf 2008 (S/6/Vol III)

2.3.7. Saret referenza għal ittra datata 25 ta` Ġunju 2008, mibgħuta mill-organizzaturi ta' Kamp Sajf 2008, fejn sar appell lill-Kunsill sabiex jgħin finanzjarjament ħalli jittellgħa dan il-proġett għat-tfal. Ġie spjegat li din l-inizjattiva tinvolvi l-organizzazzjoni ta' *crafts*, wiri ta' *films*, tisjir, drama, sports eċċ..

2.3.8. Il-Kunsill dehrlu li għandu jissieħeb f`dan il-proġett u għalhekk għandhom jiġu identifikati metodi kif jista` jingħata kontribut.

### 2.5.1. Hal Ferħ *Development Brief* (P/5/1/Vol III)

2.5.2. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni għal avviż ippubblikat fil-ġurnali fejn il-MEPA għarrfet li ser jiġi ppreparat *Development Brief* dwar il-kumpless ta' Ħal Ferħ u fl-artijiet tal-qrib, kif muri fuq pjanta li dehret mal-istess avviż. Dan kollu jrid jirrispetta l-kuntest rurali ta' Għajn Tuffieħa. Id-Direttur ta' l-Ippjanar, fi ħdan il-MEPA ser jilqa' rappreżentazzjonijiet bil-kitba sa mhux aktar tard mill-14 ta' Lulju 2008. L-iskop tal-*Brief* ser ikun li:

- Jinkoraġġixxi l-iżvilupp mill-ġdid tal-kumpless eżistenti u l-art tal-madwar;
- Jkun hemm pjan dettaljat u jitfasslu parametri dwar l-iżvilupp fuq il-linji stabbiliti fil-Pjan Lokali tal-Majjistral, li jipprovdu għall-akkomodazzjoni turistika, ikkampjar, *horse riding* u faċilitajiet oħra li jmorru magħhom, bħalma huma ħwienet, stabbilimenti li jsevu l-ikel, ħażna u amministrazzjoni.

2.5.3. Intqal li fin-naħa ta' fuq jeżistu kirjiet u qbiela mogħtija mill-Gvern. Huwa magħruf li waħda partikulari isservi ta' residenza li għandha magħha faċilitajiet ħażna marbuta mat-trobbija tal-bhejjem u x-xogħol tar-raba.

2.5.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna li minn nofs l-art indikata hemm trid li għandha tibqa' pubblika sabiex mat-tellifx miċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fiż-żona. Għandu jiġi aċċertat li ma jkunx hemm tnaqqis fil-faċilitajiet ta' parkeġġ li tnaqqsu bil-bankini li saru fid-daħla tal-lukanda Golden Sands u fi Triq in-Naħħalija sabiex din inżammet *two-way*.

2.5.5. Kien hemm qbil li l-punti mqajjma għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tad-Direttur ta' l-Ippjanar, kif ukoll tinġibed l-attenzjoni dwar id-dritt li għandu l-Kunsill li jiġi kkunsultat direttament, kif jitlob l-Att XV ta' l-1993.

## 2.6.1. Tqassim u assenjazzjoni ta' responsabiltajiet lill-kunsillieri (K/2/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku qara ittra mibgħuta lilu, datata 4 ta' Lulju 2008 fejn is-Sur Jason Micallef – Segretarju Ġenerali tal-Partit Laburista – ilmenta li l-Kunsillier John Buttigieg ma ngħatax ir-responsabilità tal-edukazzjoni minkejja li huwa edukatur, filwaqt li l-Kunsillier Clayton Bartolo ma ngħatax l-inkarigu taż-żgħażagħ.

2.6.3. Is-Sindku qal li huwa jħoss li dan it-tip ta' indħil fit-tmexxija tal-kunsill m'huwiex aċċettabbli, lanqas li kieku kien ġej mill-partit tiegħu stess. Huwa qal ukoll li s-Sur J. Buttigieg serva fit-Tielet, ir-Raba u l-Ħames Kunsill u fl-ebda wieħed ma ngħata din ir-responsabiltà, minkejja li fit-tnejn ta' l-aħħar kien anke jokkupa l-kariga ta' sindku. Is-Sur Cutajar qal li, filwaqt li l-assenjazzjoni tar-responsabilitajiet hija prerogattiva tas-Sindku, huwa kien iltaqa' mal-kunsillieri kollha ndividwalment dwar din il-materja. Huwa kompla jgħid li fl-ittra ma' ntqalx li l-Kunsillier J. Buttigieg inħatar membru fuq it-*Tender Adjudication Board* kif ukoll fuq is-Sotto-Kumitat responsabbli mir-Relazzjonijiet ma' l-Għaqdiet u mill-Entitajiet Pubbliċi. Fakkar ukoll li meta s-suġġett kien ġie diskuss waqt seduta tal-Kunsill, huwa għamilha ċara li r-responsabilitajiet assenjati setgħu jinbidlu, skond il-*performance* tal-kunsillieri rispettivi.

2.6.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-anqas id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma jidħol fl-assenjazzjoni ta' responsabilitajiet lill-kunsillieri fid-dawl ta' l-awtonomija tal-kunsilli lokali. Huwa qal li dan aspett tat-tmexxija tal-kunsilli lokali dejjem ikun fid-diskrezzjoni tas-sindku.

2.6.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li jkun tajjeb li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-preżenza tal-Kunsillier J. Buttigieg.

2.6.6. Is-Sindku wieġeb li ma jkunx ġust li din il-materja titħalla sa wara l-15 ta' Settembru 2008, meta jirritorna Malta s-Sur Buttigieg.

2.6.7. Il-Kunsillier C. Bartolo ikkummenta li fil-kunsilli lokali preċedenti, il-qasam ta' l-edukazzjoni dejjem kien fdat lil persuna li ħadem bħala għalliem. Fil-rigward tiegħu personali, huwa jidhirlu li seta' jaqdi r-responsabilità tal-kultura u t-turiżmu mingħajr problema.

2.6.8. Wara aktar diskussjoni, is-Sur R. Cutajar irrimarka li huwa ltaqa' ma' l-għaqdiet kollha tal-lokalità ħlief mal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Laburista, li ma attendewx minkejja l-istedina li saritilhom. Intqal ukoll li l-attakki fuqu personali huma evidenti mill-artikoli li qed jidhru regolarment fil-ġurnali. Minħabba wkoll li l-ittra kienet indirizzata lilu personali, iħoss li għandu jwieġeb hu u jgħaddi kopja lill-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 13/06/08 – 03/07/08
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/06/08 – 24/06/08
- *Purchase Request Form* – 03/07/08
- Skeda ta` ilmenti - 0338/08 – 0393/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 17/06/08
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 02/06/08
- Minuti – Laqgħa ma' l-Operaturi ta' Negozji ta' Triq Ġ. Borg Olivier – 03/07/08
- Skeda ta' stimi dwar x-xiri ta' kiri ta' *photocopier*

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

## 4.1.1. Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Artijiet (M/4/2/Vol II)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi fil-28 ta' Ġunju 2008 saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi li attendew għaliha wkoll id-Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt Joseph Sciriha, il-Perit Anton Zammit mill-istess uffiċċju, kif ukoll Dr Frank Psaila, Kap fis-Segretarjat. Flimkien mas-Sindku R. Cutajar, attendew ukoll il-Viċi Sindku E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fost is-suġġetti diskussi kien hemm:

(a) Tqegħid ta' *caravans* u kampijiet f'diversi postijiet fil-lokalità;

(b) L-iskema li nieda l-Gvern dwar il-bdil minn titolu ta' qbiela għal wieħed ta' ċens fuq ir-raba;

(c) Fidwa ta' ċnus rigward artijiet f'Santa Marija Estate;

(d) Sejħiet pubbliċi mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar l-akkwist ta' proprjetà mill-privat għal skopijiet kummerċjali; u

(e) Devoluzzjoni ta' proprjetà ta' valur storiku.

4.1.3. Dwar (a), in-naħa tal-Kunsill ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm ipparkjar persistenti ta' *caravans* f'Little Armier, quddiem il-Paradise Bay Hotel fiċ-Ċirkewwa u fil-parkeġġi li hemm biswit il-Mellieħa Bay Hotel. Issemma wkoll li qed isir *camping* fuq ir-ramel fil-bajjiet, kif ukoll fl-Imġiebaħ. Kien hemm qbil li s-Segretarjat Parlamenti għandu jiddelega lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex isir sforz kollettiv bejn il-Pulizija u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, il-MEPA u l-istess Dipartiment sabiex jitrażżnu dawn l-abbużi. Is-Sindku qal li bħala riżultat ta' din il-laqgħa, ingħataw struzzjonijiet mid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jitneħħew numru ta' *caravans* li qed jostakolaw toroq jew parkeġġi fil-lokalita`. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li ma teżisti ebda leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-ikkampjar u għalhekk hemm il-ħsieb li anke hawn jittieħdu passi sabiex jiġi ntrodott avviż legali f'dan is-sens.

4.1.4. Rigward (b), l-Onor J. Azzopardi għarraf li twaqqaf *working group* bejn is-Segretarjat tiegħu u l-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent li ltaqa' l-ewwel darba fl-24 ta' Ġunju 2008. Huwa qal li din ir-riforma kienet waħda mill-punti li kien hemm fil-programm elettorali tal-Gvern. L-iskema ser tkun miftuħa biss għall-bdiewa *full-time,* għalkemm għad trid tiġi stabbilita definizzjoni ta' "*bidwi full-time*". Huwa maħsub li din l-iskema tidħol fis-seħħ kmieni fl-2009.

4.1.5. Fir-rigward (ċ) is-Sur J. Sciriha għarraf li l-iskema dwar il-fidwa ta' ċnus fuq artijiet ġewwa Santa Marija bdiet fl-2001. Ġie spjegat li dan il-proċess huwa pjottost twil billi jinvolvi art li oriġinarjament kienet tal-Knisja u għalhekk jirrikjedi ċerta ammont ta' riċerka. Cenmed Ltd kompliet xekklet il-proċess billi fetħet kawża dwar il-fidwa ta' dawn iċ-ċnus, li affettwat il-proċess tat-talbiet pendenti u anke dawk li kienu ġew konklużi.

4.1.6. Fuq (d), is-Sindku lmenta li qed jidhru avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern, li jirrigwardaw użu ta' proprjeta' li għandha valur storiku, li xi drabi anke tkun skedata bħala tali mill-MEPA. L-iskop aħħar ta' minn jitfa' l-offerti jkun wieħed kummerċjali. Is-Sur R. Cutajar semma' il-każ tad-*Depth Post* ta' Triq l-Għollieqa. Sar aċċenn wkoll għall-każ tal-Batterija ta' Maċċa li ngħatat lil individwu illi għamel diversi tibdil fiha, tant li kkaġunala sfreġu. Fil-laqgħa sar appell sabiex qabel jsiru sejħiet pubbliċi li jinvolvu proprjetà ta' valur storiku, għandha ssir konsultazzjoni minn qabel mal-Kunsill Lokali.

4.1.7. Is-Sur J. Sciriha wieġeb li s-sejħa dwar id-*Depth Post* kienet ġiet irtirata. Qal ukoll li l-Batterija ta' Maċċa ngħatat diversi snin ilu, meta forsi ma kienx hemm għarfien daqs illum lejn wirt storiku ta' dan it-tip, kemm mill-pubbliku, kif ukoll mill-awtoritajiet. Huwa qal ukoll li din il-proċedura tkun trid issir mal-kunsilli lokali ta' Malta u Għawdex kollha. Dan l-involviment mill-kunsilli lokali ċertament li jaffettwa l-ipproċessar ta' numru konsiderevoli tas-sejħiet pubbliċi. Is-Sur Sciriha ma eskludiex li jista' jkun hemm skopijiet ulterjuri minn

naħa tal-kunsilli, filwaqt li ġibed l-attenzjoni illi jkun diffiċli li d-Dipartiment ta' l-artijiet jirtira kirjiet mingħajr raġuni valida. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx ma' din il-posizzjoni u għalhekk ser jirrakkomanda li din il-proċedura tiġi proposta waqt il-konsultazzjonijiet li qed isiru dwar ir-riforma fil-Kunsilli Lokali.

4.1.8. Rigward (e), is-Sindku qal li kien hemm kuntatti ma' Dr Stephen Spiteri mill-Heritage Malta sabiex jindika l-beni li saru matul l-epoka tal-Kavallieri u l-Ingliżi sabiex issir evalwazzjoni dwar liema minnhom huma vijabbli li tintalab devoluzzjoni tagħhom minn naħa tal-Kunsill.

4.1.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Dehra ġdida għas-sit eletroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol IV)

4.2.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li l-istima oriġinali ta' Abakus Solutions issa ġiet mibdula għall-ammont miftieħem ta' €1,156.40 u għalhekk għaddew *sales order* sabiex tiġi ffirmata kif ukoll isir ħlas ta' nofs l-istess spiża bil-għan li jkun jista' jinbeda x-xogħol.

4.2.3. Is-Sur Cutajar kompla jgħid li x-xogħol fuq is-sit il-ġdid jista' jibda bl-*uploading* tar-ritratti.

4.2.4. Il-Kunsill innota u approva t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Kunċert Mużikali fi Triq Lewis Wettinger (A/6/3/1/Vol XX)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2008 dwar kunċert b'riżq il-Puttinu Cares Foundation Children`s Cancer Support Group. Is-Sur Cutajar qal li l-għażla tal-post fejn jista' jsir dan l-avveniment waqgħet fuq Triq Lewis Wettinger, li jeħtieġ tingħalaq għat-traffiku biex isir l-armar tal-palk mill-Ħamis 17 ta' Lulju wara nofsinhar u l-jum kollu l-għada. Biex ikun jista' jsir dan, jeħtieġ li ma jsirx ipparkjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Għal dan il-għan ser issir laqgħa fit-8 ta' Lulju 2008 bejn l-organizzaturi, il-Pulizija tat-Traffiku u dawk tad-Distrett sabiex ikunu jistgħu jiġu ppjanati l-arranġamenti meħtieġa waqt il-kunċert.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa nnota b'sodisfazzjoni li għal din l-attivita kien hemm attendenza tajba f'Misraħ il-parroċċa. Iż-żjara lejn it-Torri l-Aħmar kienet suċċess, tant li madwar 65 persuna wżaw it-trasport provdut biex marru hemmhekk, filwaqt li kien hemm numru sostanzjali li għamlu użu mit-trasport tagħhom.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. Premju Sportiv Mellieħi tas-Sena 2008 (S/4/4)

4.5.2. Sar aċċenn ukoll għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attivita` msemmija li seħħet nhar is-Sibt 5 ta' Lulju 2008 fi Ġnien il-Qigħan. Is-Sur R. Cutajar qal li kien kuntent ħafna bl-attendenza fejn kien hemm problema ta' nuqqas ta' siġġijiet. Huwa kkummenta li fl-edizzjoni li jmiss għandha tingħata attenzjoni aktar f'dak li jirrigwarda s-*seating* tal-mistednin.

4.5.3. Il-Kunsillier C. Bartolo lmenta li t-tip ta' ilbies ta' min kellu sehem fis-serata kellu jinżamm, sabiex ħadd ma jħossu mbarazzat. Huwa kien ġie mgħarraf li l-ilbies kellu jkun *smart casual*.

4.5.4. Is-Sindku qal li ttieħdet deċiżjoni li għandu jiżdied premju ieħor – Sportiva tas-Sena – sabiex jiġi żgurat li dejjem ikun hemm il-preżenza tas-sess femminili, billi fil-kuntest lokali mhux daqshekk predominanti.

4.5.5. Il-Kunsill ġie nfurmat li ngħataw €350 minn General Soft Drinks Ltd u €90 bejn il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier H. Fenech u l-aġenzija SEDQA biex inxtraw it-trofej, li ħamsa minnhom huma *shields* li jinżammu minn sena għal' oħra. Dawn ġew ippreżentati miċ-Chairman tal-Kunsill Malti ta' l-Isports is-Sur Bernard Vassallo, il-President ta' l-Għaqda Kittieba Sports Charles Camenzuli, flimkien mas-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo, u l-Kunsillieri J. Azzopardi, C. Bartolo, P. Cutajar u H. Fenech.

4.5.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Andrew Farrugia, is-Sur Frans Mizzi u l-operaturi ta' Maritim Antonin Hotel & Spa, li kienu responsabbli mit-tħejjija tal-*cocktail* li tqassam fi tmiem il-preżentazzjoni, kif ukoll lill-membri tas-Sotto-Kumitat Żgħażagħ li għenu fit-tqassim.

### 4.6.1. *Mellieħa Gardens By Night* (A/5/3/Vol VIII)

4.6.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attivita msemmija li seħħet fi Ġnien il-Kenn Soċjali f'Ta' Pennellu fis-27 ta' Ġunju 2008. Huwa qal li l-attendenza kienet inkoraġġjanti, li inkludiet l-aktar tfal u ġenituri mill-istess żona. Huwa qal li l-*items* kollha ntlaqgħu tajjeb u kienu ppreżentati tajjeb mis-Sinjorina Marilyn Grima. Il-*face painting* u l-parti tal-*magician* intlaqgħu tajjeb ukoll mit-tfal, għalkemm l-ispot ta' l-aħħar seta kien eqsar biex l-attivita` ma ħaditx daqshekk fit-tul.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Riorganizzazzjoni fl-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/1)(P/7/1/Vol VIII)

4.7.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera wkoll għall-minuta 4.7.1. fejn kien ġie deċiż li għandhom jinbdew il-proċeduri mal-Korporazzjoni għall-Impiegi u Taħriġ sabiex tiġi mpjegata persuna oħra mal-Kunsill fuq bażi *full-time,* fi skala 15. Huwa qal li l-Korporazzjoni għaddiet lista ta' persuni mill-Ewwel Parti tar-Reġistru ta' dawk li qed iffittxu x-xogħol u talbithom jgħaddu l-*curriculum vitae* tagħhom sabiex jiġu ntervistati. Is-Sindku ppropona li, kif kienet dejjem il-prassi, għandu jinħatar bord sabiex jagħmel l-intervisti. Dan ikun kompost minn kunsillieri ġejjin miż-żewġ partiti politiċi rappreżentati fil-Kunsill, flimkien mas-Segretarju u s-Sindku bħala *chairman*.

4.7.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Sindku.

4.7.4. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill li qed jindaga dwar l-aħjar metodu possibbli kif jista' jkun hemm aktar privatezza fir-*reception area* ta' l-uffiċċju.

### 4.8.1. Festa Biedja (A/5/3/5)(A/5/3/2/Vol IV)

4.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li Festa Biedja tkun waħda mill-*items* li jiffurmaw parti mill-Iljieli Melleħin, li huma ppjanati għal wara l-Festa tal-Vitorja.

4.8.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li dak iż-żmien mhux addattat, peress li ma jkunx hawn frott u ħxejjex lokali billi dawn ikunu l-aktar abbundanti f'Ġunju u Lulju.

### 4.9.1. Stedina mis-Sindku ta' Adenau għal *Midsummer Festival* (K/1/5/1/Vol III)

4.9.2. Saret referenza għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti dwar iż-żjara li saret f'Adenau l-Ġermanja bejn id-19 u t-22 ta' Ġunju 2008. Is-Sur R. Cutajar qal li rigali li ġew preżentati waqt is-serata tal-*Midsummer Festival* li saret is-Sibt 21 ta' Ġunju 2008 gew ippreżentati erba' biċċiet pittura ta' xeni fil-Mellieħa magħmula mill-membri ta' l-Art Club 2000.

4.9.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li saru diversi kuntatti ma dawk preżenti.

4.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.10.1. Ċaqlieq ta' *bring-in site* (K/6/10/Vol II)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 20.1 dwar l-ispustament tal-*bring-in site* li hemm fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, qrib il-kantuniera ma' Triq il-Fortizza, għan-naħa l-oħra tal-parkeġġ. Huwa qal li l-WasteServ ġew ikkuntattjati dwar dan.

4.10.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li tpoġġew w*aste recycling banks* oħra fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, fil-parkeġġ li hemm qrib il-Costa del Sol Restaurant, f'Dawret it-Tunnara qrib Triq it-Trill u oħra f'nofs il-bajja ta' l-Għadira.

4.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.11.1. AvventuraSajf 2008 (E/3/4/Vol VIII)

4.11.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.71. tas-seduta preċedenti u għarraf li sad-data tas-seduta kienu applikaw 80 tifel u tifla fl-etajiet minn Kinder 1 sa Year 2 tal-Primarja. Fil-laqgħa li saret għall-ġenituri fis-7 ta' Lulju 2008 tħabbar li t-tfal tal-kindergarten m'humiex

ser jattendu l-kors tal-kompjuter e-Tfal, u għalhekk il-meżata mħallsa ser tkun tinkludi wkoll it-trasport għal żewġ ħarġiet minn dawk li ser jiġu organizzati.

4.11.3. Il-Kunsill innota u approva t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 3 ta' Lulju 2008.

5.3. Is-Segretarju rrefera għall-*item* 4 fl-iskeda u fakkar fid-diskussjoni li kien aktar qabel skond il-minuta 4.2.1., aktar 'il fuq.

5.4. Tresqet ukoll skeda li turi stimi **(Ref: E/2/1/Vol II)** dwar ix-xir jew kiri ta' *photocopiers* mingħand tliet *suppliers* differenti li kienu Strand Electronics Ltd, Image Systems Ltd u Office Group Ltd. Wara li l-Kunsill ra l-iskedi, ġie deċiż li għandha tinkera l-*photocopier* ikkwotata minn Strand Electronics Ltd bir-rata ta' €62 fix-xahar, filwaqt il-kopji normali jiġu ċċarġjati €0.012 u tal-kulur bit-€0.18-il waħda.

5.5. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda bl-eċċezzjoni ta' *item* 20 rigward il-korsijiet tal-kompjuter e-Tfal. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi, inkluż l-*item* imsemmi fil-minuta 5.4.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-13 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2008.

6.3. Fir-rigward tal-pagament 028-06-08 mitlub minn TCTC Ltd in konnessjoni mal-kors tal-kompjuter e-Tfal, kien hemm qbil li dan għandu jinżamm pendenti minħabba ċerti problemi li għadhom ma' ġew iċċarati.

6.4. Tressqu wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li jkopri l-perjodu bejn l-10 ta' Ġunju u l-24 ta' Ġunju 2008.

6.5. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom bl-eċċezzjoni ta' pagament Nru. 028-06-08.

## 7.1. Sejħa Nru. 12/2007 – Xiri, Installazzjoni, Ittestjar u Tħaddim ta' Sistema ta' Ventilazzjoni għas-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja (S/3/7/Vol III)

7.2. Is-Segretarju rrefera għar-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tas-17 ta' Ġunju 2008 u għarraf li l-bord irrakkomanda illi l-uniku offerent li kien hemm – BSS Ltd – għandu jingħata l-kuntratt fuq il-kriterji segwenti:

- L-ispiża kkwotata (€11,800) hija inqas mis-somma vvuta (€12,200) fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2008/2009;
- L-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-offerenti huma konformi ma' dawk mitluba fid-dokument ta' l-offerta, jew ingħataw rimedji biex dawn ikunu jaqblu mingħajr spejjeż addizzjonali; u
- Ingħatat assikurazzjoni mill-offerent illi l-muturi ta' l-*estractors* ma jikkawżawx intereferenza mas-sistema ta' l-*audio* li hemm fis-sala.

7.3. Il-Kunsill qabel li tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni fuq B.S.S. Ltd sabiex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv, filwaqt li l-Kap ta' l-Iskola għandha tiġi mgħarrfa b'dawn l-iżviluppi.

## 8.1. Ingaġġ temporanju ta' *personnel* taħt il-*Job Experience Scheme* iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea u l-Korporazzjoni Dwar l-Impiegi u Taħriġ (P/7/2)

8.2. Is-Sindku għarraf li l-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ (E.T.C.) ġibdet l-attenzjoni li qed tħaddem skema ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea, intiża sabiex tgħin lil żgħażagħ ħerġin mill-iskola jew bi problemi soċjali sabiex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Dan billi jakkwistaw esperjenza fuq ix-xogħol. Huma eliġibbli għaliha kull min għalaq 16-il sena u tinvolvi 20 siegħa fil-ġimgħa bi ħlas ta' €46.59 (Lm20), għal perjodu ta' tlettax-il ġimgħa.

8.3. Inqtal ukoll li ntwera interess minn erba' persuni f'din l-iskema li lesti jaħdmu mal-Kunsill matul il-btajjel tas-sajf. Il-persuni konċernati huwa:

- Caruana Charlene ID: 40187M
- Caruana Romina ID: 40287M
- Gambin Andrew ID: 51888M
- Wright Michael ID: 122302L

8.4. Is-Sur R. Cutajar fakkar li Charlene u Romina Caruana diġa qed jagħmlu xogħol mal-Kunsill fuq bażi volontarja marbut ma' l-organizzazzjoni ta' attivitajiet. Andrew Gambin huwa kwalifikat fil-qasam tal-kompjuter u għalhekk is-servizzi tiegħu jistgħu jiġu wtilizzat fit-tfassil mill-ġdid tas-sit elettroniku tal-Kunsill, filwaqt li Michael Wright li ġie rakkomandat mill-istess E.T.C., jista' jagħti servizz klerikali mal-Segretarjat.

8.5. Kien hemm qbil mal-proposta, sakemm l-ingaġġ tal-persuni msemmija m'huwiex ser ikun ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

## 9.1. Reġistrazzjoni ta' irmiġġi u użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

9.2. Is-Sindku għarraf illi fis-26 ta' Ġunju 2008 saret laqgħa għall-dawk kollha li għandhom irmiġġi n-naħa tal-Moll tat-Tunnara u li wkoll jagħmlu użu mill-istess moll biex jvaraw jew itellgħu l-opri tagħhom. Il-laqgħa ġiet indirizzata wkoll mis-Sur Marco Bruno Olivier mill-Awtorita` Marittima ta' Malta. Kien hemm preżenti wkoll is-Sur George Abdilla mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, filwaqt li Dr Anthony Gruppetta mid-Diviżjoni tas-Sajd, kellu jattendi, iżda kien indispost.

9.3. Is-Sur Bruno Olivier spjega li ż-żoni għall-għawwiema kienu ġew introdotti xi snin ilu, iżda maż-żmien il-mażri mxew bil-maltemp u għalhekk kellhom jerġgħu jitressqu fejn kienu oriġinarjament. Irriżulta wkoll li xi bagi li ma kienux reġistrati ġew ġo din iż-żona u jeħtieġ li jitneħħew. Huwa rrakkomanda li l-irmiġġi kollha jiġu reġistrati sabiex tiddaħħal aktar ordni. F'dan il-proċess tingħata preċedenza lill-opri wżati għas-sajd, warajhom jiġu dawn użati għal skopijiet kummerċjali u mbagħad dawk meqjusa bħala *pleasure boats*. Is-Sur Bruno Olivier spjega li liċenzja ta' irmiġġ tkun marbuta ma' opra partikulari u ma tkunx trasferibbli minkejja li l-istess opra tista' tinbiegħ. It-trasferiment minn ġenitur għall-ulied ma jistax isir jekk mhux permezz ta' wirt.

9.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li fl-istess laqgħa sar ilment li hemm individwi li jidħlu fi spejjeż fil-kiri ta' garaxxijiet biex ipoġġu d-dgħajjes jew il-karrijiet tagħhom, filwaqt li hemm oħra li jinġombraw il-moll b'tali mod li jxekklu l-użu sħiħ tiegħu. Is-Sindku qal li fil-laqgħa huwa ressaq proposta sabiex jintużaw il-parkeġġi li hemm biswit il-Mellieħa Bay Hotel għat-tqegħid tal-karrijiet.Persuna oħra lmentat li dawk kollha li jużaw *tenders* biex jaslu għall-opri marbuta mal-bagi, qed ikollhom problema fejn ser iħalluhom fuq il-moll.

9.5. Fi tmien il-laqgħa kien ġie deċiż li għandu jinħatar kumitat minn fost is-sezzjonijiet kollha li jużaw il-moll, sabiex jitkomplew il-kuntatti mal-Kunsill, kif ukoll ma' l-awtoritajiet konċernati.

9.6. Il-Kunsill innota u approva l-iżviluppi li kien hemm.

## 10.1. *Speed humps* f'Għajn Tuffieħa, f'Tas-Sellum u f'Selmun (T/3/2/Vol V III)

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li baqgħet issir pressjoni dwar il-ħtieġa ta' *speed humps* fit-triq tal-kumpless ta' Ħal-Ferħ, partikularment qabel wieħed jasal għall-istalel taż-żwiemel. F'żewġ okkażjonijiet oħra, il-Kunsill kien iddeċieda li jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-preżenża taż-żwiemel, kif fil-fatt sar.

10.3. Is-Sindku għarraf li saritlu talba sabiex jsiru *speed humps* fit-triq li twassal mill-Palazz ta' Selmun sal-Fortizza ta' Campbell, fil-parti fejn hemm il-kmamar, hekk kif wieħed jaqbeż il-kurva. Is-Sur R. Cutajar qal li l-vetturi qed jitfaċċaw minn wara din il-kurva allarieda u jsibu ma' wiċċhom nies li regolarment jiffrekwentaw il-kmamar imsemmija u oħrajn li jkunu jippassiġġaw hemmhekk.

10.4. Inqarat petizzjoni datata 5 ta' Lulju 2008 mir-residenti tal-sajf f'Tas-Sellum, fejn intalbu *speed humps* fil-parti ta' ġewwa ta' Dawret it-Tunnara.

10.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li fit-tliet każi għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet lit-Taqsima għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport sabiex jinkiseb il-permess qabel ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ.

### 11.1. Asfaltar mill-ġdid ta' Triq Tal-Prajjet (T/4/2/Vol XXII)

11.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għax-xogħlijiet li saru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fit-triq imsemmija. Huwa lmenta li minkejja illi x-xogħol f'din it-triq ilu li tlesta diversi xhur, baqgħet ma gietx asfaltata b'inkonvenjent kbif għal kull min jużaha.

11.3. Ittieħdet nota sabiex jsiru rappreżentazzjonijiet man-Network Infrastructure Directorate fi ħdan l-Awtorita` tat-Trasport.

### 12.1. *Cameras* ta' sigurtà f'ġonna pubbliċi (K/6/3/Vol II)

12.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ippropona li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li jitwaħħlu *cameras* ta' sigurtà sabiex jikkontrollaw il-vandaliżmu li spiss jiġi irrappurtat fil-Ġnien tal-Pellegrini, Misraħ tas-Salib u Ġnien Dun Anton Debono.

12.3. Il-Kunsill talab sabiex jinkiseb aktar tagħrif dwar is-sistemi li jeżistu fis-suq.

### 13.1. Korsijiet ġodda (E/3/1)

13.2. Is-Sindku għarraf li qed isiru kuntatti sabiex jiġu introdotti għall-ewwel darba korsijiet f'suġġetti bħalma huwa t-tisjir, l-għawm, *yoga* u l-*keep fit*.

13.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattivi li qed jittieħdu.

### 14.1. Imwejjed u siġġijiet fit-toroq (T/4/10)

14.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi lmenta li qed jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem bars b'tali mod li qed jostakolaw il-bankini u l-karreġġjati.

14.3. Il-Kunsill qabel li dan għandhom jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti sabiex jittieħdu passi, kemm-il darba ma jeżistux permessi.

### 15.1. Maniġġ tat-traffiku fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq Ta' Fuq il-Widien (T/3/2/Vol VIII)

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni li fejn jiltaqgħu ż-żewġ toroq imsemmija, jeżisti spażju kbir li qed jagħti lok għal sewqan perikoluż, peress li ma teżisti ebda ġwida bħalma huma *traffic islands* u/jew *roundabout*.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi din il-proposta lill-*Contracts Manager* sabiex jipproni xi tip ta' arranġament li huwa addattat għall-post in kwistjoni.

### 16.1. Proġetti ffinanzjati permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea P/10/1/Vol III)

16.2. Għal din il-parti tas-seduta ġiet mistiedna tattendi is-Sinjorina Gaby Pace li hija persuna illi għandha esperjenza f'allokazzjoni ta' fondi taħt programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Hija wkoll toffri servizzi ta' konsulenza sabiex jitressqu talbiet għall-istess fondi.

16.3. Ġie spjegat li l-aktar programmi li jappellaw għall-kunsilli lokali huma l-*European Regional Development Fund (ERDF)* li huwa amministrat mill-*Planning and Priorities Coordination Division* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-*European Environment and Agricultural Fund (EEAF)* li huwa mmexxi mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Is-sejħa għall-applikazzjonijiet taħt il-programm ta' l-aħħar jinfetħu kmien fl-2009. Issemma wkoll il-*European Social Fund (ESF)* li huwa amministrat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports. Il-proġetti li jiġu approvati jkunu jinvolvu 85% finanzjalment mill-Unjoni Ewropea u 15% mill-applikant. Sar aċċenn għall-programm Interreg, li jinvolvi tisħib ma' entitajiet f'pajjiżi oħra Ewropej, li minnu jistgħu jibbenefikaw il-kunsilli lokali.

18.2. Is-Sinjorina Pace rrakkomandat lill-Kunsill sabiex jiffoka fuq tnejn jew tliet proġetti u ssir tħejjija dettaljata tagħhom. Il-Mellieħa hija lokalita` rurali u għalhekk hija eliġibbli taħt il-EEAF. Billi s'issa għadu ma kienx hemm sejħa, jeżistu prospetti tajbin li tintlaqa' it-talba. Il-proġetti li jiġu kkunsidrati jistgħu jinvolvu rijabilitazzjoni jew ħolqien ta' passaġġ fil-kampanja, tindif widien, restawr ta' rżieżet antiki, twaħħil ta' tabelli informattivi, bankijiet u mwejjed fejn wieħed ikun jista' jieqaf u jġawdi l-isbuħija ta' ċerti postijiet.

18.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-Kunsill jista' jiffoka fuq l-Imġiebaħ fejn jeżistu żewġ irziezet antiki tal-Gvern u l-imġiebaħ tan-naħal, li x'aktarx huma uniċi f'Malta. Huwa qal li l-Palazz tal-Marfa għandu potenzjal li jinbidel f'*hostel* minn fejn il-Kunsill jista' jkollu ntrojtu biex iżommu fi stat tajjeb.

18.4. Is-Sinjorina Pace kkummentat li meta jkun hemm proġett li ser jirrendu xi dħul, l-amministraturi tal-fond jistgħu jnaqqsu l-persentaġġ ta' ko-finanzjament. Fir-rigward ta' proġetti taħt EEAF is-sottomissjonijiet li jsiru, jeħtieġ li jkunu akkumpanjati bil-permessi tal-MEPA, *bill of quantities*, eċċ.

18.5. Is-Sindku ippropona li ssir talba għall-fondi b'riżq ir-restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li jista' jsir bi sħab mal-Knisja. Il-Sinjorina Pace wieġbet li l-Knisja hija kkunsidrata bħala organizzazzjoni mhux governattiva u għalhekk tikwalifika biex jitressqu talbiet mill-Kunsill f'isimha.

18.6. Kien hemm qbil li sa seduta oħra għandhom jinġiebu għad-diskussjoni proġetti konkreti sabiex il-Kunsill ikun jista' jiffoka fuqhom.

18.7. Meta ġiet mistoqsija dwar l-ispejjeż involuti f'dawn it-tip ta' talbiet, is-Sinjorina Pace qalet li hija titlob €350 kull applikazz. Dan ma jkunx jinkludi l-immaniġġjar tal-proġett, kemm-il darba jingħataw il-fondi.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju 2008 fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |